**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 16 ta' Gunju 2021**

Rikors Numru: 138/21 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 53/1998)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom f'Malta fis-6 ta' Marzu tas-sena 1998 kif jidher mic-certifikat taz-zwieg originali hawn anness u mmarkat DOK A u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal;

2. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt tal seprazzjoni ppubblikat nhar l-24 ta' Awwissu tas-sena 2017 fl-atti tan-nutar Liza Schembri liema kuntratt qieghed hawn anness u mmarkat DOK B;

3. Illi l-kontendenti ilhom jghixu mhux flimkien minn Settembru tas-sena 2015 kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni f'klawzola 4 tal-preambolu ta' listess;

4. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment pendenti la ghall-konvenuta u lanqas ghat-tfal tal-kontendenti;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

6. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m' huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

7. Illi l-affidavit tal-esponent qieghed jigi hawn anness u mmarkat DOK C.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' April, 2021;

Semgħet lill-intimata prezenti fl-awla twieġeb fuq domanda tal-Qorti li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 t' Awwissu 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.